MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tad-29 ta' April, 2010

Numru 1159/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**
**VS**
**VICTOR MALLIA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Victor Mallia ta’ 42 sena, iben Gaspare u Helen imwielda Sultana, imwieled Pieta’ fil-25 ta’ Marzu 1967, residenti gewwa numru 3, Sqaq il-Pjazzetta numru 2, Attard u detentur ta’ karta ta’ l-Identita’ bin-numru 137167(M).

Illi huwa akkuzat talli fis-29 ta’ Awissu 2009 u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, bhala cittadin jew resident permanenti ta’ Malta, sew jekk f’Malta jew barra minn Malta, gbidt jew ippermettejt li jingibed xi ritratt, *film*, *video recording* jew xbieha elettronika ndecenti ta’ persuna ta’ taht l-eta’, jew qassam jew wera ritratt, *film*, *video*

*recording* jew xbieha elettronika ndecenti bhal dawn, jew kellu fil-pussess tieghu ritratt, *film, video recording* jew xbieha elettronika indecenti bhal dawn liema reat hu aggravat bil-fatt li xi uhud minn dawn ir-ritratti, *films*, *video recordings* jew xbiehat elettronici ndecenti juru persuni taht l-eta' li ma kienux ghalqu d-disa' snin, u dan bi ksur ta' l-Artikolu 208(A) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat lill-imputat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi fuq l-istess ammissjoni tieghu, l-Qorti ssib lill-imputat Victor Mallia hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 208A, 28A, 28G tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Victor Mallia ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, in oltre' tqieghed lill-imputat taht Supervision Suspended Order ghal perijodu ta' sena taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. Illi, di piu', l-Qorti tqieghed lill-imputat taht Treatment Order ai termini ta' Artikolu 7(5) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta taht il-psikologa Dr. Roberta Holland ghal perijodu ta' sena, b'dana li l-imputat ghandu jattendi almenu *session* ta' terapija ta' mhux anqas minn darba fix-xahar, liema *Treatment Plan* qed tithalla f'idejn l-istess psikologa Dr. Roberta Holland.

Il-Qorti tordna l-konfiska u d-distruzzjoni ta’ dak l-apparat kollu illi kien jikkontjeni l-materjal pornografiku illi gew elevati u ezebiti mill-prosekuzzjoni f’dawn l-atti.

Il-Qorti akkordat din il-piena wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputat, l-eta’ tieghu, il-fatt illi ghandu fedina penali nadifa mehud in konsiderazzjoni l-fatt illi mir-rapport tas-*Cyber Crime* jirrizulta li kien hemm ritratt wiehed ta’ pornografija ta’ tifla taht id-disa’ snin.

Illi, in vista ta’ dana kollu u tal-fatt ewlieni illi l-mistier ta’ l-imputat m’huwiex tali illi jippresupponi xi kuntatt mat-tfal, anzi ghal kuntrarju; ghaldaqstant l- Qorti tirrakkomanda illi l- imputat ma jitlifx ix- xoghol tieghu.

Illi din il-Qorti qieset fit-tul, ghal rigward tal-piena u ma tarax illi tista’, moralment u legalment, takkorda piena alternattiva ghal dik fuq inflitta.

Il-Qorti tordna kopja ta’ din is-sentenza li tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services u ohra lil psikologa Dr. Roberta Holland.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------